# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Dicembru, 1999**

**Numru 53**

**Citaz. numru 748/94 DS**

John Fenech
vs
Mario Cassar

Illum, 10 ta' Dicembru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-31 ta' Mejju 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa propjetarju tad-dar residenzjali bl-indirizz 5, Sliema Road, Kappara, filwaqt li acjacenti ghall-fond tieghu hemm id-dar residenzjali tal-konvenut bl-indirizz: "Crescent House", Sliema Road, Kappara.

Peress illi l-konvenut dan l-ahhar haffer l-art tal-garage tieghu minn mal-hajt komuni taz-zewgt id-djar tal-partijiet taht il-livell tat-triq kif ukoll ma zammx id-distanza legali kif tirrikedi l-ligi.

Peress illi l-konvenut gie debitament interpellat kemm bonarjament kif ukoll giudizzjarament biex jieqaf minn dan kien kollu ghal xejn ghax baqa' inadempjenti tant li tfaccew konsenturi fil-hajt komuni bhala konsegwenzi ta' dawn ix-xogholijiet fejn l-esponent qed isofri danni.

talab lil din il-Qorti:

1. Tordna li l-konvenut ghandu jigi inibit milli jaghmel iktar xoghol ta' thaffir fit-propjeta tieghu stess ghar-ragunijiet premessi.

2. Tordna l-konvenut fi zmien li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jigi inibit milli jkompli jaghmel kwelunkwe xoghol li qed jaghmel meta mhux qed izomm id-distanza/i legali kif titlob il-ligi u dan taht direzzjoni tal-perit nominandi.

3. Tordna li l-istess attur jigi awtorizzat jaghmel ix-xogholijiet necessarji tal-hsara sofferti u/jew kollox jigi ottemporat skond il-ligi, il-tnejn taht direzzjoni ta' perit nominandi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' mandat ta' inibizzjoni numru 960/94 u b'riserva ghal kull azzjoni oltre' ghad-danni.  Il-konvenut jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci u t-talba tieghu biex jiggustifika l-kontumacja u jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet giet michuda;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat illi:-

B'verbal tat-3 ta' Novembru 1999 Dr. Mark Busuttil ghall-attur ikkonferma li l-mertu jinsab ezawrit u baqghet biss il-kwistjoni ta' l-ispejjez. Jirrizulta li din il-kawza giet intavolata wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni li l-attur ottjena fil-konfront tal-konvenut u li l-mertu effettivament gie ezawrit fil-pendenza tal-proceduri.  Ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, stante d-dikjarazzjoni li l-mertu jinsab ezawrit, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu u tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' l-ispejjez.

Grazio Galea
D/Registratur